MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2011

Numru. 610/2001

Il-Pulizija
(Sup Simon Galea)
vs
Jeremy James Farrugia, iben Emanuel, imwieled Pieta' fil-11 ta' Novembru, 1984, Karta ta' l-Identita numru 558384(M)
u
Paul Michael Kavanagh, iben Pauline Zammit, imwieled Birmingham, l-Ingilterra, Karta ta' l-Identita numru 17339A

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra -
**Jeremy Farrugia**, waħdu:
talli f'dawn il-Gżejjer, fit-23 ta' Novembru, 1999 u matul iż-żmien ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

1. talli fil-21 ta' Diċembru, 1998 minn Birkirkara seraq is-somma ta' Lm1,300 fi flus kontanti minn ġewwa d-dar ta' Moira Sammut li tinsab ġewwa Birkirkara, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin u bil-lok li sar għad-dannu ta' Moira Sammut;
2. talli fl-istess żmien, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' ħsarat fil-bini ta' Moira Sammut, liema ħsara tammonta għal aktar min Lm50 iżda anqas minn Lm500 għad-dannu ta' l-istess Moira Sammut;
3. talli fl-istess żmien, ħin, lok u ċirkostanzi, xjentement laqa' għandu diversi affarijiet bħal sigaretti, mobile phone cards u affarijiet oħra, li jammontaw għal aktar minn Lm1,000 jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement, b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
4. talli fit- 8 ta' Frar, 1999 minn Birkirkara seraq diversi oġġetti bħal deheb li l-valur tiegħu ma jeċċedix l-Lm1,000, flus li jammonta għal Lm28, kif ukoll 'play station' u computer tal-marka Philips minn ġewwa r-residenza li tinsab ġewwa Birkirkara, liema serq hu aggravate bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin u bil-lok li sar għad-dannu ta' Anna Edlebi;
5. talli fl-istess żmien, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' ħsarat fir-residenza ta' Anna Edlebi, liema ħsara tammonta għal aktar min Lm50 iżda anqas minn Lm500 għad-dannu ta' l-istess Anna Edlebi;
6. talli fl-istess żmien, ħin, lok u ċirkostanzi, xjentement laqa' għandu diversi affarijiet bħal sigaretti, mobile phone cards u affarijiet oħra, li jammontaw għal aktar minn Lm1,000 jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement, b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
7. talli fit-13 ta' Settembru, 1999 minn Birkirkara seraq television minn ġewwa r-residenza ta' Anna Adlebi li tinsab ġewwa Birkirkara, liema serq hu aggravat bil-mezz,

bil-valur li jeċċedi l-Lm100 iżda anqas minn Lm1,000 u bil-lok li sar għad-dannu ta' Anna Edlebi;
8. talli fl-istess żmien, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' ħsarat fir-residenza ta' Anna Edlebi, liema ħsara tammonta għal aktar min Lm50 iżda anqas minn Lm500 għad-dannu ta' l-istess Anna Edlebi;
9. talli fl-istess żmien, ħin, lok u ċirkostanzi, xjentement laqa' għandu diversi affarijiet bħal sigaretti, mobile phone cards u affarijiet oħra, li jammontaw għal aktar minn Lm1,000 jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement, b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
10. talli fl-istess data u ċirkostanzi kiser il-provvedimenti ta' l-artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta mogħtija b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-28 ta' Lulju, 1999 u li saret definittiva fejn ingħata l-ħelsien bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn.
**Paul Michael Kavanagh**, waħdu:

1. talli fit- 8 ta' Frar, 1999 minn Birkirkara seraq diversi oġġetti bħal deheb li l-valur tiegħu ma jeċċedix l-Lm1,000, flus li jammonta għal Lm28, kif ukoll 'play station' u computer tal-marka Philips minn ġewwa r-residenza li tinsab ġewwa Birkirkara, liema serq hu aggravate bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin u bil-lok li sar għad-dannu ta' Anna Edlebi;
2. talli fl-istess żmien, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' ħsarat fir-residenza ta' Anna Edlebi, liema ħsara tammonta għal aktar min Lm50 iżda anqas minn Lm500 għad-dannu ta' l-istess Anna Edlebi;
3. talli fl-istess żmien, ħin, lok u ċirkostanzi, xjentement laqa' għandu diversi affarijiet bħal sigaretti, mobile phone cards u affarijiet oħra, li jammontaw għal aktar minn Lm1,000 jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement, b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-1 ta' Awwissu, 2005 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
fil-konfront ta' **Jeremy James Farrugia**:
a. fl-artikoli 261(b)(ċ)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 278, 279, 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali;
d. fl-artikoli 261(b)(ċ)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 278, 279, 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
e. fl-artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali;
f. fl-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali;
g. fl-artikoli 261(b)(ċ)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 278, 279, 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
h. fl-artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali;
i. fl-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali;
j. fl-artikoli 21, 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta; u
k. fl-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali;
fil-konfront ta' **Paul Michael Kavanagh**:
a. fl-artikoli 261(b)(ċ)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 278, 279, 280 u 281
tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali;
d. fl-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Jannar, 2011 fejn l-imputati taw il-kunsens tagħhom biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Jannar, 2011 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Għaldaqstant, fil-konfront ta' **Jeremy James Farrugia**, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tielet, tas-sitt u tad-disa' akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-

artikoli 261(b)(ċ)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269(g), 278(1)(2)(3) u 325 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Ikkunsidrat, dwar il-piena. Illi l-imputat kien minuri fi żmien li hu kkometta dawn ir-reati u għaddew iktar minn disa' snin biex l-istess kawża ġiet fi tmiemha. Għalhekk, tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sentejn mil-lum. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' €492 spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' esperti.
Fil-konfront ta' **Paul Michael Kavanagh**, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269(g), 278(1)(2)(3) u 325 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sentejn mil-lum. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' €197 spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' esperti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------